# L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Settembru tal-2023

NR183/2023 Data tal-Ħruġ: 18 ta’ Ottubru 2023

*F’Settembru 2023, ir-rata annwali tal-inflazzjoni hekk kif imkejla mill-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) kienet 4.9 fil-mija, tnaqqis mir-rata ta’ 5.0 fil-mija rreġistrata f’Awwissu 2023.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

F’Settembru 2023, l-ogħla rati ta’ inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (9.9 fil-mija) u fl-Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u tipi ta’ karburanti oħrajn (7.2 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-inqas rati annwali tal-inflazzjoni kienu fil-Komunikazzjoni (-8.4 fil-mija) u fit-Trasport (-0.4 fil-mija) (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Rati ta’ inflazzjoni




Ċart nru 2 turi l-impatt irreġistrat fit-tnax-il taqsima tal-ECOICOP fuq ir-rata annwali tal-inflazzjoni. Impatt huwa kejl li jindika l-kontribuzzjoni fuq l-inflazzjoni għal kull taqsima. L-impatt jikkunsidra kemm il-piżijiet tal-indiċijiet armonizzati kif ukoll ir-rata annwali tal-inflazzjoni skont it-taqsima.

F’Settembru tal-2023, l-akbar impatt pożittiv fuq l-inflazzjoni annwali ġie mill-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+1.68 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla ta’ prodotti moħmija. It-tieni u t-tielet l-akbar impatti pożittivi fuq l-inflazzjoni ġew innotati fl-Indiċi tar-Ristoranti u lukandi (+1.28 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u tipi ta’ karburanti oħrajn (+0.70 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla fis-servizzi tar-ristoranti u fil-kirjiet, rispettivament (Ċart nru 2).

L-impatti negattivi fuq l-inflazzjoni annwali ġew irreġistrati fl-Indiċi tal-Komunikazzjoni (-0.32 punti perċentwali) u fl-Indiċi tat-Trasport (-0.03 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet anqas tas-servizzi tal-mowbajl u t-trasport tal-art, rispettivament (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tnax-il taqsima ewlenija tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Settembru 2023




Nota: Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tikkumpara l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumaturi għal Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro.  F’Settembru, ir-rata annwali għal Malta kienet ta’ 4.9 fil-mija, 0.6 punti perċentwali aktar mir-rata ta’ 4.3[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f’Malta u fiż-żona tal-ewro




[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

Sors: NSO u Eurostat.